MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 820/2002

**L-Avukat Dottor Franco B. Vassallo bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Ralph Stephen Preece, dan ta' l-ahhar fil-kwalita' tieghu ta' "Trustee" tal-falliment ta' Peter Anthony Whyler.**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Leslie Cushieri u l-P.L. Victor Bugeja b' digriet tas-6 t' Awissu, 2002 gew nominati kuraturi deputati sabiex**

**jirrapprezentaw lill-assenti Peter Anthony Whyler.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni mressqa fis-17 ta’ Lulju, li permezz taghha l-attur nomine ppremetta:

Illi b’ sentenza moghtija fil-5 ta’ Frar, 1992 mix-Sheffield County Court fl-Ingilterra, il-konvenut Peter Anthony Whyler gie dikjarat fallut, kopja legali ta’ liema sentenza qieghda tigi annessa bhala Dok A;

Illi l-istess Qorti Ngliza appuntat lill-attur Ralph Stephen Preece bhala “trustee” tal-istess falliment b’ effett mit-2 t’ April, 1993 (Dok B);

Illi kif jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, l-imsemmija sentenza ghaddiet in gudikat u tista’ tigi ezegwita minn din il-Qorti bhala sentenza moghtija f’ Malta u hemm ir-rekwiziti kollha li tirrikjed l-Ligi ghal dan l-iskop ai termini u skond l-artikolu 826 et sequitur tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi l-attur nomine ghandu nteress li jitlob l-ezekuzzjoni opportuna ta’ din is-sentenza biex b’ hekk ikun jista’ jiehu pussess ta’ assi appartenenti lill-imsemmi fallut u li jinsabu hawn Malta;

Ghalhekk l-attur nomine jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara ezegwibbli l-imsemmija sentenza moghtija fil-5 ta’ Frar, 1992 mix-Sheffield County Court li permezz taghha l-imsemmi Peter Anthony Whyler gie dikjarat fallut u dan bhallikieku kienet sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti u konsegwentement u ghal kull buon fini;

2. Tawtorizza lill-attur nomine jiehu pussess tal-assi kollha li jinsabu Malta appartenenti lill-imsemmi fallut

sabiex ikun jista' jamministra l-istess skond l-inkarigu moghti lilu mill-Qorti Ngliza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati prezentata fid-29 t' Ottubru, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi b' digriet tas-6 ta' Awwissu 2002 huma gew nomati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Peter Anthony Whyler;

2. Illi huma m' ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumhiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-kuraturi deputati w il-lista tax-xhieda;

Semghet lill-attur nomine fis-seduta tas-27 t' Ottubru, 2003, u rat il-verbal ta' l-istess seduta li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Billi mid-dokumenti ezebiti u x-xhieda ta' l-attur, it-talbiet huma sufficjetement pruvati u mhux kontradetti.

**Tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine**, **bl-ispejjez kontra l-konvenut, b' dan li d-drittijiet tal-kuraturi deputati jithallsu provizorjament mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------